# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 54**

**Avviz numru 1578/00/SM**

**Joseph Falzon f'ismu proprio u f'isem id-ditta Joe Falzon & Sons.**

**vs**

**Paul Gauci Borda, Salvu Bartolo u Kevin Bartolo**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur proprio et nomine ghall-kundanna tal-konvenuti biex ihallsu flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' tmien mija sitta u erbghin Liri Maltin (LM846), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-import ta' tmintax-il kambjala tal-valur ta' LM47.00-il wahda liema kambjalijiet skadew fit-2 ta' Mejju 1999, fit-2 ta' Gunju 1999, fit-2 ta' Lulju 1999, fit-2 ta' Awissu 1999, fit-2 ta Settembru 1999, fit-2 t'Ottubru 1999, fit-2 ta' Novembru 1999, fit-2 ta' Dicembru 1999, fit-2 ta' Jannar 2000, fit-2 ta' Frar 2000, fit-2 ta' Marzu 2000, fit-2 ta' April 2000, fit-2 ta' Mejju 2000, fit-2 ta' Gunju 2000, fit-2 ta' Lulju 2000, fit-2 t'Awissu 2000, fit-2 ta' Settembru, 2000 u fit-2 t'Ottubru 2000 rispettivament, liema ammont kellu jithallas lill-**

**attur proprio et nomine permezz ta' pagament mensili liema pagamenti baqghu ma sarux;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 t'Ottubru, 2000 u tal-Mandat ta' Sekwstru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali dekoribbli mid-dati tar-rispettivi skadenzi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur proprio et nomine sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fl-4 t'April tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur proprio et nomine bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**